

# L-ewwel festa tad-Duluri f'San Pawl il-Baħar



p. Arthur Joseph Saliba OFMConv.

## Il-Ħadd, 17 ta' Settembru 1905

San Pawl il-Baħar sar Parroċċa fid-9 ta' April 1905. Kien Ħadd il-Palm u dakinhar stess Mons. Salvu Grech, Vigarju Ġenerali u delegat tal-Arċisqof Pietru Pace, mexxa l-ftuħ solenni u bierek il-knisja l-ġdida. F'din l-okkażjoni nqrat l-ittra tal-Arċisqof li b'digriet iddikjara lil San Pawl il-Baħar Parroċċa b'territorju assenjat għaliha u maqtugħ mill-Parroċċi tan-Naxxar u tal-Mellieħa.

Il-benifattriċi li ħallset biex inbniet il-Knisja kienet il-Markiża Anna Bugeja li kellha villa tas-sajf biswit it-Torri ta' Wignacourt. Bniet ukoll kunvent għall-patrijiet mal-ġenb tal-knisja. Ix-xewqa tagħha kienet li l-Parroċċa tkun iddedikata lil Marija Addolorata. Imbagħad il-Markiża, offriet il-knisja u l-kunvent lill-Patrijiet Franġiskani Konventwali u Patri Majjistru Anton Hyzler kien magħżul bħala l-ewwel Kappillan. Kienet it-tieni Parroċċa f'Malta f'idejn ordni reliġjuż tal-patrijiet. L-ewwel waħda hi dik ta' Porto Salvo fil-Belt tal-Patrijiet Dumnikani, li kienet saret Parroċċa fl-1571. Il-Patrijiet Franġiskanii daħlu jgħammru fil-kunvent il-ġdid lejn l-aħħar ta' Ottubru, 1904.

L-Arċisqof Pietru Pace faħħar il-ġenerożita' tal-Markiża Anna Bugeja u feraħ li f'dik iż-żona ta' Malta nbniet knisja għas-servizz tal-fidili kemm residenti kif ukoll villeġġanti. Kienet il-Providenza, qal l-Arċisqof fid-digriet, li ġiet biex tfarraġ lilna u lill-poplu ta' San Pawl il-Baħar. Ferħu wkoll il-Patrijiet Franġiskani Konventwali ta' Malta li biż-żjieda ta' kunvent ġdid saru Provinċja fl-Ordni tagħhom, b'digriet mogħti mill-Ministru Ġeneral fit-12 ta' Frar 1905. Fl-istess digriet Patri Bonaventura Zahra nħatar l-ewwel Ministru Provinċjal tal-Franġiskani ta' Malta.

Il-Markiża Anna Bugeja, li b'sentiment nobbli u nisrani bniet minn flusha knisja sabiħa, għanitha wkoll bil-bżonnijiet kollha. Fil-21 ta' Jannar 1904 sar kuntratt mal-pittur Ġużeppi Cali', biex isiru ħames kwadri taż-żejt fil-knisja Parrokkjali. Il-kuntratt iġib il-firma tal-Cali u tan-Nutari Alfonso Maria Micallef. L-ewwel kwadru li pitter kien it-titular tad-Duluri. Dan sar minn fuq santa li l-Markiża ppreżentat lil Ġużeppi Cali u riedet li t-titular isir bħalha. Skond il-Markiża Anna Bugeja, din is-santa kkonfermat il-għażla tagħha ta' Marija Addolorata bħala Patruna tal-knisja l-ġdida. Ġużeppi Cali pitter ukoll l-erba' kwadri tal-altari tal-knisja ddedikati lil San Franġisk ta' Assisi, Sant'Antnin ta' Padova, San Pawl Appostlu u l-Immakulata Kunċizzjoni.

Fis-sena 1904, sar il-paviment tal-irħam, il-fonti tal-magħmudija, tabernaklu, pulptu, konfessinarji,

via sagra, tużell tal-festa verament sabiħ, gandlieri, antiporta, tvalji bil-bizzilla, ventaltar irrakmat u kanopew għall-altar maġġur, sett ta' tliet qniepen u tant oġġetti oħra. Kollox ħallas mill-Markiża u kollox kien imħejji u lest għall-ewwel festa titulari tal-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar.

Il-Markiża ħasbet ukoll biex fil-knisja l-ġdida jkun hemm statwa tal-Madonna tad-Duluri. Żgur li l-ewwel statwa titulari mhix dik li hemm illum fil-knisja parrokkjali. Kienet statwa oħra kif jidher mir-ritratt li qegħdin nippubblikaw għall-ewwel darba. L-istatwa artistika u sabiħa li hemm illum saret iktar tard imma għadu ħadd ma tefa' dawl fuq is-sena li fiha saret.

F'dan iż-żmien kien hemm benefatturi oħrajn li ħadu ħsieb iżejnu l-istatwa tad-Duluri. Fortunato Mizzi għandu ismu minqux fuq l-istellarju li jitqiegħed ma' ras il-Madonna. Dan l-istellarju hu magħmul minn metall indurat. Saret ukoll qalb b'sebat isjuf li titqiegħed fuq sider il-Madonna fil-jiem tal-festa. Kemm l-istellarju kif ukoll il-qalb b'sebat isjuf saru fis-sena 1905 u għadhom jintużaw sal-lum.

Il-komunità Franġiskana tal-patrijiet flimkien mal-Kappillan Patri Anton Hyzler, talbet lill-Isqof biex il-festa tad-Duluri tibda ssir il-Ħadd fuq il-15 ta' Settembru. F'dan il-jum il-Knisja Universali tiċċelebra l-festa liturġika ta' Marija Addolorata. L-Isqof ta l-kunsens tiegħu biex issir il-festa f'dak il-jum u xtaq li jkun preżenti.

L-ewwel festa titulari u parrokkjali tad-Duluri f'San Pawl il-Baħar, saret il-Ħadd, 17 ta' Settembru 1905. Għall-ewwel darba saret luminazzjoni ġenerali mat-toroq kollha u tiżjin bil-weraq tar-rand. Is-Sibt, lejliet il-festa, wara t-traslazzjoni kien hemm il-murtaletti, maskli, ġiġġifogu u ħruq ta' nar ieħor. Imbagħad nhar il-festa filgħodu saret quddiesa solenni bil-mużika u bil-paneġirku. Immedjatament wara ħarġet il-purċissjoni bl-istatwa tad-Duluri mmexxija mill-Isqof ta' Malta Mons. Pietru Pace. Kien hemm ukoll ftit tal-biża' minħabba t-temp, għax filgħodu waqt il-purċissjoni bdiet tqattar ix-xita.

Imbagħad, wara nofsinhar, qrib id-daħla ta' Xatt il-Lanċa (fejn illum hemm is-Sirens) saret il-ġostra jew kif kienu jssejħulha l-antiki, l-arblu tax-xaħam. Kien hemm ukoll it-tiġrijiet tad-dgħajjes, kajjiki u fregatini. Billi kienet festa ta' tmiem is-sajf ħafna nies marret għaliha. Żgur li dawn l-inħawi qatt ma kienu raw daqshekk nies. Il-poplu tal-ibliet ivvjaġġa bil-karettuni, karozzi u karozzini. Oħrajn mill-irħula tal-qrib waslu bil-mixi. Il-vapur Gleneagels għamel vjaġġ mill-Port il-Kbir għal San Pawl il-Baħar, filwaqt li kien hemm min wasal għall-festa bil-lanċa jew fuq bċejjeċ tal-baħar.

Dakinhar id-dilettanti tal-festi ġew San Pawl il-Baħar, biex jisimgħu l-baned li kienu qegħdin jieħdu sehem. Il-Banda "Nicolo Isouard" tal-Mosta taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur Antonio Miruzzi (1894-1909), kellha programm sħiħ kemm lejlet il-festa kif ukoll f'narha. Filwaqt li biex iferrħu n-nies fit-triqat kien hemm il-Banda "Queen Victoria" ta' tas-Sliema u l-Banda "Vilhena" tal-Furjana. Il-festa kienet suċċess kbir. L-organiżżazzjoni saret bil-għaqal u l-ħafna nies li attendew għall-okkażjoni, gawdew bil-kbir l-ewwel festa f'San Pawl il-Baħar.

Il-festa tad-Duluri fis-snin ta' wara kompliet dejjem tikber bis-sħiħ. Id-dilettanti Pawlini kienu ħafna u kien twaqqaf grupp tar-rġiel biex jieħdu ħsieb it-tiżjin. Iktar tard inbniet kamra tan-nar il-Wardija. Jum

il-festa titulari tad-Duluri beda jissejjaħ "Ħadd in-Nies" għax il-poplu kien jiġi bi ħġaru. Sfortunatament, għal xi żmien, il-festa nbidlet f'xalata ħdejn il-baħar u kienet tilfet kull dekor u devozzjoni. Għalhekk il-patrijiet Franġiskani ta' San Pawl il-Baħar xtaqu jbiddlu l-ġurnata li fiha jiċċelebraw il-festa u bi ftehim mal-Isqof għażlu l-aħħar Ħadd ta' Lulju.

***Referenzi:***


- AAM, Erectio Parochialium Archiepiscopi Petri Pace: S. Pauli a Mare.
- Arch.SPB-OFMConv., Markiża Anna Bugeja, Spese diverse.
- Fiorini Bonaventura, "La Chiesa ed il Convento di S. Paolo a Mare dei Frati Minori Conventuali", Mel. Hist., III/2, 1961.
- Sammut Felix, "Il-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar", Il-Ħabbar ta' Sant'Antnin, Lulju 1955.
- Cilia Joseph, (1980) Il-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar.
- Bonnici Alex, (2005) San Pawl il-Baħar Parroċċa f'ġieħ il-Madonna tad-Duluri.


Għall-ewwel l-festa tad-Duluri f'San Pawl il-Baħar, il-Banda "Nicolo Isouard" tal-Mosta esegwiet dan il-Programm -

**Is-Sibt, 16 ta' Settembru 1905**

| | | |
|---|---|---|
| Marcia | Grato Ricordo | S. Salvini |
| Sinfonia | Vetulia | Carlini |
| Pezzi scelti | Trovatore | Verdi |
| Valse | Angelo Mio | Pecoriai |
| Finale III | Guarany | Gomes |
| Duettino | Gefratoj | Corridori |

**Il-Ħadd, 17 ta' Settembru 1905**

| | | |
|---|---|---|
| Marcia | Viscount Nelson | - |
| Sinfonia | Zita Nuova | Frosali |
| Pezzi Scelti | Adriana Lecouvreur | Cilea |
| Cavatina | Il Barbiere | Rossini |
| Pezzi Scelti | Faust | Gounod |
| Capriccio Per Clarino | - | Filippa |
| Il Canto della Rondine | - | Filippa |
| Inno Nicolo Isouard | - | - |
| God Save The King | | |

Fir-ritratt li qegħdin nippubblikaw għall-ewwel darba li jinsab f'paġna 94, tidher l-ewwel statwa tal-Madonna tad-Duluri, armata għall-festa fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar. Żgur li mhix l-istatwa li hemm illum fil-knisja. Ħafna mill-opri li l-Markiża Anna Bugeja ħallset għalihom saru fis-sena 1904. Fir-ritratt jidher il-kwadru titulari tad-Duluri xogħol ta' Ġużeppi Cali, il-paviment tal-irħam, l-altar tal-ġebel, il-kor tal-injam, il-kanċell, il-pulptu mixtri mingħand is-Sorijiet tal-Klawsura, il-bankun u l-pedestal, tnax-il gandlier ta' metal abjad, sitt fjuretti bil-vażuni tagħhom u oħrajn tal-alabastru, girlanda, lampier, kanopew u ventaltar, karti tal-glorja, tapit, is-salib tal-kleru, bandalora, lampi tal-pitrolju, linef bl-imsiebaħ taż-żejt u l-Via Sagra bl-istampi miġjuba mill-Iżvizzera.